**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**Decizjoni Numru 2238**

Kaz Nru: 2963 / ET

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Thomas Abela

u

Preluna Ltd

Illum : 19 ta' Settembru, 2013

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

CHAIRMAN: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip. Mgt

## INTRODUZZJONI

Dan il-kaz gie ntavolat permezz ta'rikors mill-Avukat Dr. Joanne Vella Cuschieri f'isem ir-rikorrent Thomas Abela fejn gie allegat li s-socjeta' ntimata ma kellha l-ebda raguni valida sabiex ir-rikorrent jigi terminat u li dan sar unikament bhala tpattija ghax-xoghol siewi li huwa kien jaghmel bhala shop-steward cioe'minhabba l-assocazzjoni tieghu mal-Union u xejn aktar. Ghaldaqstant jirrizulta li t-tkeccija tar-rikorrent ma kienetx wahda valida ai termini tal-ligi u r-rikorrent qed jitlob lit-Tribunal jiddikjara u jiddeciedi t-terminazzjoni ta' l-impjieg kienet wahda ngusta u li jaghti l-provvedimenti kollha opportuni skond il-ligi.

Da parti taghha, is-socjeta' ntimata ddikjarat li r-rikorrent gie terminat fuq hrug ta'affarijiet li jappartjenu lill-lukanda minghajr ma kiseb awtorizazzjoni u li kien jitlaq minn fuq il-lant tax-xoghol minghajr permess tal-management. Ghal dan il-ghan is-socjeta' harget notice of charge lir-rikorrent fuq serq u abbandun tal-lant tax-xoghol. Is-socjeta' cahdet li r-rikorrent gie terminat ghax kien ix-shop steward tal-GWU. Is-socjeta' tilfet kull fiducja fir-rikorrent.

**Fatti**

Ir-rikorrent kien ilu jahdem mas-socjeta' ntimata ghal sbatax is-sena bhala 'plant operator' fuq bazi ndefinita. Ix-xoghol tieghu kien jinvolvi l-manutenzjoni tal-lukanda Preluna, il-Beach Club u l-Astra Hotel. Ir-rikorrent kien ukoll ix-shop steward tal-GWU ghal hmistax il-sena. L-impieg tar-rikorrent gie tterminat b'ittra ta' terminazzjoni datata 17 ta' Ottubru 2011.

Ir-rikorrent gie akkuzat li hareg xi affarijiet li jappartjenu lil lukanda minghajr awtorizazzjoni u li kien jitlaq minn fuq il-post tax-xoghol minghajr permess tal-management. Ghal dan il-ghan is-socjeta' ntimata harget notice of charge.

Fid-dikjarazzjoni tal-kaz is-socjeta' ntimata akkuzat lir-rikorrent b'serq izda fic-charge nnifsu s-socjeta' ma akkuzatx lir-rikorrent specifikament fuq serq.

Ir-rikorrent matul l-impjieg tieghu qatt ma rcieva xi twissija bil-miktub.

Huwa fatt ukoll li r-rikorrent kien ix-shop steward tal-GWU hlief ghal sena wahda fit-2009.

Illi tlettax il-gurnata qabel it-tkeccija, is-Sur Andrea Preca – Direttur u General Manager, baghat ghar-rikorrent u qallu li wasal rapport li kien qed jiehu xi affarijiet. Dan irrizulta li kien qed jalludi li r-rikorrent kien qed johroq fliexken ta'l-ilma tal-hames litri mir-Reverse Osmosis (RO) plant tas-socjeta' u jehodhom id-dar. Dan gie ukoll zvelat minn evidenza minn fuq is-CCTV.

Ir-rokkorent ma nnegax dan. Huwa kien johrog dawn il-fliexken, minn wiehed sa' tnejn f'daqqa xi tlieta jew erba darbiet fil-gimgha u jpoggihom fil-karozza tieghu li kienet tkun ipparkjata quddiem il-lukanda. Normalment ir-rikorrent kien johrog dan l-ilma qabel jitlaq id-dar. Gieli wkoll hareg l-ilma waqt ix-xoghol u dan l-att kien jiehu xi hames minuti.

Jidher li r-rikorrent ma kienx johrog dan l-ilma bil-mohbi. Kien konxju miss-CCTV u gieli rah is-Sur Andrea Preca u gieli hareg l-ilma mil-bieb principali tal-lukanda.

Ix-xifts tar-rikorrent kienu mis-07:00 sa 15:00, mit 15:00 sa 23:00 u mill-23:00 sa 07:00 hours.

Fil-Ftehim Kollettiv m'hemmx specifikament procedura biex jinhargu affarijiet b'permess mill-management mill-haddiema. Tezisti outgoing report li tinhareg mill-management.

Wara laqghat mal-management fuq il-kaz, li fihom ir-rikorrent kien ikun akkumpanjat mis-Sur Kevin Camilleri – Segretarju tal-GWU, nharget 'Suspension letter' (DOK TA1) datata 4 ta' Ottubru 2011. Is-Suspension letter filwaqt li rreferiet ghal-hrug ta' l-ilma bla permess alludiet ukoll li s-socjeta' kellha evidenza li r-rikorrent kien johrog affarijiet ohra u taghtu tlett ijiem biex jiffriska l-memorja qabel jinhareg charge.

Ic-charge (DOK TA2) inhareg fis-7 ta' Ottubru 2011 wara laqgha li saret dak inhar stess. Ic-charge jalludi li fil-laqgha r-rikorrent qal li gieli hareg xi haga li tkun ghar-rimi.

F'laqgha ohra li saret fl-14 ta' Ottubru 2011 is-socjeta' akkuzat lir-rikorrent b'evidenza ta' l-akkuzi migjuba kontrieh u ghaldaqstant kienet tilfet kull fiducja fih. Dan wassal biex tinhareg 'termination letter' (DOK 3) datata 17 ta' Ottubru 2011.

Jirrizulta li ghal zmien twil kienu ghaddejjin trattativi mal-GWU fuq il-Ftehim Kolletiv. Rizultat ta' dan, gimgha qabel ma beda jsehh dan il-kaz, il-GWU tghat twissija lis-socjeta' ntimata ta' azzjonijiet industrijali.

## Provi

F'dawn il-proceduri xehdu s-Sur Joe Preca – Kap Ezekuttiv u s-Sur Kevin Camilleri – Segretarju tat-Taqsima Ospitalita' u ikel tal-GWU. Gew esebiti dokumenti bhal Ftehim Kolletiv u avvidavits ta'dawn is-Sinjuri kif gej: Joe Preca – CEO, Bertrand Gatt – Operations Manager, Joseph Andres Preca – Manager, George Grech – Duty Manager, Charles Sammut – Plant Room Manager, Joseph Zammit – Maintenance Fireman, John Mifsud – Receiving Clerk/Security u Joseph Vella – Assistant General Manager.

## Konsiderazzjonijiet

It-Tribunal f'dan il-kaz ghandu biex jikkunsidra jekk l-akkuza li r-rikorrent hareg affarijiet li jappartjenu lill-lukanda minghajr ma kiseb awtorizazzjoni u li kien jitlaq minn fuq il-post tax-xoghol minghajr permess tal-management kienet timmerita tkeccija. Ic-Charge nnifsu huwa konsistenti ma' dan, izda fid-dikjarazzjoni tal-kaz hareg li r-rikorrent kien qed jigi akkuzat b'serq. Ir-rikorrent, fid-dikjarazzjoni tal-kaz tieghu, jaccenna li gie terminat unikament bhala tpattija ghax-xoghol li huwa kien jaghmel bhala shop steward u li l-management kien jaf li gieli kien johrog l-ilma.

It-Tribunal ghaldaqstant irid jikkunsidra l-fatti ddikjarati, l-provi li hargu kemm mix-xhieda u kemm mid-dokumentazzjoni pprezentata. L-ewwel xhieda tar-rikorrent u x-xhieda tas-Sur Joe Preca u l-avvidavits (li kienu pjuttost identici rigward il-Kaz) bazikament jikkonfermaw il-fatti kif gew ipprezentati f'dan id-dokument.

Ir-rikorrent xehed tlett darbiet. Fit-tieni xhieda r-rikorrent spjega kif li filli kien jigi mghajjat mill-management fuq il-ftehim kollettiv u f'illi f'daqqa wahda gie akkuzat bl-akkuzi msemmija. Fill-fatt il-kaz ta'tkeccija gie konkluz f'perjodu ta'tlettax il-gurnata. Ir-rikorrent kompla biex qal li kollox inqala wara li l-Union tghat avviz ta'azzjonijiet industrijali konnessi ma' nuqqas ta'qbil fuq in-negozjati tal-ftehim kollettiv li kienu ghaddejjin ghal snin twal. F'daqqa wahda sab ruhu sospiz. Huwa kompla li fi tmintax is-sena kellu kaz wiehed biss ta'dixxiplina fit-2009. Kien fl-4 ta' Ottubru, 2011, li gie sospiz wara laqgha mas-Sur Joe u Andrea Preca u s-Sur Joe Vella. Prezenti wkoll kien hemm is-Sur Kevin Camilleri, Segretarju tal-Union. Ir-rikorrent kien sorpriz ferm ghax skond hu, is-Sur Andrea Preca gieli rah hiereg bl-ilma kif ukoll ghamel is-Sur Bernard Gatt- Operations Manager.

Fis-7 ta'Ottubru 2012 harget letter of charge u saret laqgha ohra fl-14 ta' Ottubru 2011. Is-Sur Camilleri staqsa lis-Sur Joe Preca jekk ir-rikorrent kienx qed jigi akkuzat b'serq. Is-Sur Preca

qal li le u indika li l-management kien ghadu qed jevalwa l-akkuza. Dak inhar intweriet evidenza tar-rikorrent hiereg bl-ilma paermezz ta'CCTV.

Ir-rikorrent kompla jghid li vera li hareg bl-ilma imma ukoll l-aktar li kien johrog mill-lukanda kien ikun fuq xoghol, specjalment meta kien ikollu jmur il-beach club.
Meta c-Chairman saqsa jekk ir-rikorrent kellux permess bil-miktub biex johrog l-ilma dan irrisponda li le imma qal ukoll li hass li kien hemm 'understanding' ghax membri tal-Management gieli rawh hiereg bl-ilma u qatt ma hareg l-ilma bil-mohbi, fil-fatt gieli hareg bl-ilma mill-bieb principali tal-lukanda u kien konxju mis-sistema tas-CCTV.

Ir-rikorrent sostna li kienet vera sorpriza li l-management wasal ghal-tkeccija. Bhala shopsteward hu kien imdahhal f'kazijiet ta'haddiema ohra li skond hu kienu ferm aktar serji fosthom 'mishandling' ta'flus fejn anke kien hemm provi cari, pero' f'dan il-kaz u kazijiet ohra sar qbil bejn il-Management u l-Union li l-haddiem jinghata final warning inkluz kazijiet ohra.

Ir-rikorrent kompla li fil-kaz tieghu meta saret it-talba biex jinghata warning jew final warning din it-talba ma gietx milquha u ma naghatax cans iehor bhal haddiehor.

Ir-rikorrent qal li fl-opinjoni tieghu ma naghtax dan ic-cans ghax kien jirraprezenta l-haddiema u kien qed jaghmel pressjoni kontinwa biex jintlahaq qbil rigward l-ftehim kollettiv u li din il-pressjoni anke wasslet biex johrog avviz ta'azzjonijiet industrijali.

Fit-tielet xhieda tieghu ir-rikorrent qal li hadd qatt ma kellmu mill-management meta kien johrog mill-lukanda fuq xoghol biex imur il-Hotel Astra jew il-Beach Club. Hu qatt ma gie mwissi verbalment jew bil-miktub ghax kien johrog.

Ir-rikorrent rega' sostna li l-kaz tat-tkeccija rrizulta wara li l-Union taght avviz ta' azzjonijiet industrijali. Kien is-Sur Andrea Preca li ghajjatlu biex ikellmu fejn ir-rikorrent haseb li s-Sur Preca kien se jkellmu fuq xi zviluppi fuq il-ftehim kollettiv izda f'daqqa wahda qallu li qed jigi nvestigat.

Ir-rikorrent sostna ukoll li hu kien jghid lir-reception li hiereg sal-karrozza u ghal daqstant kienu jarawh hiereg bl-ilma.

Is-Sur Kevin Camilleri – Segretarju tal-Union fix-xhieda tieghu qal li fil-laqghat li saru l-kumpanija qatt ma akkuzatu fuq serq ghas-semplici raguni li l-hrug ta' l-ilma kienet prassi u kien li r-rikorrent kien ilu johrog l-ilma ghall-zmien twil, u hadd ma kellmu u ma kien jaghmel xejn bil-mohbi u allura kien qisu awtorizzat li johrog l-ilma.

Is-Sur Camilleri qal li hafna drabi ir-rikorrent kien 'il-lever' bejn il-haddiema u l-kumpanija specjalment rigward il-ftehim kollettiv. Meta tkecca ir-rikorrent in-negozjati kienu waslu fil-pakkett finanzjarju. Ir-rikorrent kien qed irressaq il-partijiet ghal qbil rigward talbiet finanzjarji. L-ahhar ftehim kollettiv kien sar xi tlettax il-sena qabel.

Ir-rikorrent fil-kontro-ezami qal li fil-pozizzjoni tieghu ta' plant operator ma kellux break fiss. Hu kompla li meta gie akkuzat qal li qatt ma hareg xejn ghax ma kkunsidrax l-ilma bhala xi haga li ried permess ghalih ghax kien ilu jaghmilha hafna, u membri tal-management, kienu jafu biha. Ir-rikorrent kien konxju bil-procedura meta tinhareg xi haga u kien uzaha meta hareg il-magna ta' l-injam.

Fit-trattazzjoni s-socjeta' sostniet li r-rikorrent ma kellux permess biex johrog l-ilma u ma gab l-ebda xhieda biex jixhdu dan. Is-socjeta' sostniet ukoll li ma tistax tittolera abbandun tax-xoghol specjalment fil-pozizzjoni sensittiva u risponsabbli li kellu r-rikorrent.

Fit-trattazzjoni tieghu, ir-rikorrent qal li fix-xhieda qatt ma qal li kellu awtorizazzjoni biex johrog l-ilma u mill-provi hareg car li hu kien qed jahseb li ma kien qed jaghmel xejn hazin. Fill-fatt ir-rikorrent qatt ma heba x'kien qed jaghmel, u zgur li qatt ma kellu jitkecca fuq hekk. Fuq li jitlaq mil-post tax-xoghol ir-rikorrent zgur li ma jistax jaqbel ghax in-natura tax-xoghol kienet titlob li r-rikorrent kellu responsabilitajiet fi tlett postijiet differenti. Ir-rikorrent rega' sostna li s-socjeta' sabet skuza konvenjenti biex tkeccieh biex jerggha jwaqqfu l-process tal-ftehim kollettiv li kien wasal fl-ahhar u li sal-llum ghadu ma giex iffirmat. Dan apparti li l-break tieghu ma kienx fiss.

Dan permess, it-Tribunal jikkonsidra li:

It-Tribunal jinnota li mill-fatti, provi u dokumentazzjoni migjuba ma jirrizultax li l-hrug ta' l-ilma mir-rikorrent jikkostitwixxi serq. Ir-rikorrent kien ilu zmien johrog l-ilma minghajr habi u s-socjeta' setghet aggixxiet b'mod differenti mil-lat dixxiplinarju mill-ewwel, u mhux li f'daqqa wahda marret fl-estrem b'akkuza ta' tkeccija u terminazzjoni tal-impjieg. Fuq abbandun tal-post tax-xoghol it-Tribunal ma nnutax provi konvincenti.

**<u>Decizjoni</u>**

Mehuda in-konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, ix-xhieda mismugha, d-dokumenti esebiti u s-sottomissjonijiet tal-partijiet, it-Tribunal qieghed jiddeciedi li t-tkeccija kienet wahda ngusta u li hemm lok li r-rikorrent jinghata kumpens. Fic-cirkostanzi izda t-Tribunal mhux qed jilqa' t-talba li r-rikorrent jinghata lura l-post tax-xoghol.

Il-kumpens qed jigi stabbilit fl-ammont ta' hames t'élef euro (€5,000), liema kumpens ghandu jithallas mis-socjeta' ntimata lir-rikorrent, fi zmien xahar mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghal-finijiet tal-kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Iffirmat : Edmund Tabone**
**Chairman**

Vera Kopja

Mary Rose Galea
Ghas-Segretarju